MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Appell Civili Numru. 737/2000/1

**Francis Theuma**

**vs**

**Avukat Generali**

Il-Qorti:

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

Dan hu appell minn decizjoni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha

fit-13 ta’ Setembru, 2001 wara rikors maghmul minn Francis Theuma. Bazikament ir-rikorrent qppellant qad jallega li fil-kors ta’ proceduri penali li ttiehdu kontra tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (l-ewwel bhala Qorti Istruttorja u wara bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali) u in segwitu quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, kienu gew lezi d-drittijiet tieghu taht l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Is-sentenza appellata taqra hekk:
“Rat ir-rikors ta’ Francis Theuma datat 28 ta’Marzu, 2000, li bih ppremetta s-segwenti:

1. Illi fis-**27 ta’ Mejju, 1994**, huwa kien gie arrestat fuq il-*motor yacht* fix-Xatt tal-Birgu, u gie mehud il-*Head Quarters* tal-Pulizija. Meta staqsa ghaliex kienu qed jarrestawh u fejn kienu ser jehduh, l-Ispettur Mario Bartolo rrisponda li ser jghidulu aktar tard. L-Ispettur Bartolo wkoll qallu sabiex igib mieghu l-affarijiet tieghu, ghaliex kien ser jiehu hafna zmien sakemm jigi liberat.
2. Illi fit-**30 ta’ Mejju, 1994**, huwa gie mressaq quddiem il-Magistrat Geoffrey Valenzia. Ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu, huwa wiegeb li ma kienx hati. Saret talba ghal-liberta` provizorja u din giet michuda.
3. Illi fis-**6 ta’ Gunju, 1994**, huwa gie mressaq quddiem il-Magistrat Joseph Apap Bologna. F’din is-seduta giet diskussa r-rikuza ta’ l-istess Magistrat minhabba l-possibilita` ta’ konflitt ta’ interess peress illi l-istess Magistrat kien qed jippresjedi fuq il-proceduri kontra Peter Theuma. Talba ghal-liberta` provizorja giet michuda mill-gdid.
4. Illi fit-**8 ta’ Gunju, 1994**, gie deciz mill-Magistrat Apap Bologna li kellu jirrikuza ruhu milli jkompli jippresjedi fuq il-kaz tar-rikorrent.
5. Illi l-kumpilazzjoni tal-gbir ta’ l-evidenza bdiet fil-**21 ta’ Gunju, 1994**, quddiem il-Magistrat Noel Cuschieri. Talba ghal-liberta` provizorja giet michuda.
6. Illi wara s-smiegh tax-xhieda, il-kumpilazzjoni giet maghluqha fis-**27 ta’ Gunju, 1994**. Talba ghal-liberta` provizorja giet michuda.
7. Illi fis-**6 ta’ Lulju, 1994**, saret talba ghal-liberta` provizorja quddiem il-Qorti Kriminali presjeduta mill-Imhallef Carmel Agius. Din giet michuda.

8. Illi fit-**12 ta' Awwissu, 1994**, wara talba ghal-liberta` provizorja lill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Imhallef Victor Caruana Colombo, din giet michuda.
9. Illi fit-**18 ta' Novembru, 1994**, il-kumpilazzjoni regghet giet miftuha mill-Magistrat Noel Cuschieri. Fis-seduta saret talba ghal-liberta` provizorja, u din giet michuda. F'din is-seduta gie mqabbad Dr. Anthony Abela Medici bhala espert tal-kaligrafija.
10. Illi fil-**25 ta' Novembru, 1994**, l-istess Magistrat Cuschieri cahad talba ohra ghal-liberta` provizorja. L-espert Abela Medici gharraf lill-Qorti li r-rapport kien ghadu mhux konkluz.
11. Illi r-rikorrent kien interpona zewg petizzjonijiet lill-President ta' Malta ghal-liberta` provizorja. Dawn gew it-tnejn michuda.
12. Illi fis-seduta ta' l-**10 ta' Jannar, 1995**, huwa gie michud il-liberta` provizorja wara talba ghall-istess.
13. Illi fl-istess seduta ta' l-10 ta'Jannar, 1995, l-espert Dr. Abela Medici informa lill-Qorti illi l-ezami li kellu jaghmel fuq l-evidenza migbura fil-kaz tar-rikorrent sar hazin u ghalhekk ma setghax jipprezenta r-rapport tieghu. Dr. Abela Medici ghalhekk talab lill-Qorti sabiex tawtorizzah sabiex jaghmel ezami fuq evidenza migbura fil-kaz ta' Peter Theuma. Il-Qorti laqghet it-talba.
14. Illi l-Magistrat Cuschieri cahad talbiet ghal-liberta` provizorja fit-**13 ta' Jannar, 1995, u fis-6 ta' Marzu, 1995**.
15. Illi fis-**16 ta' Marzu, 1995**, wara talba ghal-liberta` provizorja lill-Qorti Kriminali, l-Imhallef Caruana Colombo esprima ruhu li ser jikkunsidra din it-talba. **Fis-17 ta' Marzu, 1995**, l-Imhallef imsemmi ddekreta illi t-talba ghal-liberta` provizorja ghandha tigi michuda, filwaqt li ordna illi l-liberta` provizorja ghandha tinghatha fi zmien xahrejn.
16. Wara talba tal-pulizija fit-**30 ta' Marzu, 1995**, il-Qorti tal-Magistrati awtorizzat lill-Pulizija sabiex jezaminaw dokumenti "originali" illi qedin jintuzaw fil-proceduri kontra Peter Theuma.
17. Illi talbiet ghal-liberta` provizorja gew michuda fl-**4 ta' April, 1995, fl-20 ta' April, 1995, fl-24 ta' Mejju, 1995, u fit-12 ta' Gunju, 1995**.
18. Illi fis-**16 ta' Gunju, 1995**, l-espert Dr. Abela Medici ppresenta r-rapport tieghu fil-Qorti.

19. Illi fil-**<u>25 ta' Lulju, 1995</u>**, waqt seduta quddiem il-Qorti Kriminali, saret talba ghal-liberta` provizorja. B'digriet '*in camera*' din it-talba giet michuda fis-27 ta' Lulju, 1995.
20. L-atti gew rinvjati quddiem il-Qorti tal-Magistrati.
21. Illi b'sentenza tad-**<u>9 ta' Ottubru, 1995</u>**, il-Qorti tal-Magistrati sabet lir-rikorrent hati w ikkundanntu l-massimu tal-piena ta' hames (5) snin habs u Lm2000 Multa. Ir-ragunijiet moghtija mill-Qorti ghaliex giet inflitta l-massimu tal-piena kienu illi l-ammont ta' droga kien kbir u pur, li l-metodu kif id-droga giet impostatha kien wiehed sofistikat, u li s-sentenza ghandha sservi ta' deterrent. Ir-rikorrent interpona appell minn din is-sentenza.
22. Illi minhabba li l-Imhallef li jippresjedi fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghal diversi ragunijiet, fosthom li jisma' l-kaz tal-biljetti tal-linja, kien impenjat, l-appell tar-rikorrent kien qed jibqa' jigi differit ghal diversi dati.
23. Illli fl-**<u>4 ta' Lulju, 1997</u>**, ir-rikorrent kiteb lill-Avukat Generali fejn staqsa jekk jikkwalifikax ghall-Amnestija Presidenzjali. L-Avukat Generali rrisponda li huwa kien jikkwalifika u jiehu xahrejn u nofs amnestija jekk jirtira l-appell.
24. Illi fl-**<u>14 ta' Lulju, 1997</u>**, huwa iffirma nota ta' cessjoni ta' l-appell.
25. Illi fil-**<u>15 ta' Lulju, 1997</u>**, il-Qorti Kriminali kkonfermat s-sentenza.
26. Illi fit-**<u>28 ta' Lulju, 1997</u>**, gie prezentat rikors ghall-kontinwazzjoni ta' l-appell.
27. Illi fil-**<u>31 ta' Lulju, 1997</u>**, il-Qorti Kriminali ikkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti.

Illi wara li ppremetta dan kollu, ir-rikorrent indika l-ilmenti kostituzzjonali tieghu taht il-Konvenzjoni Ewropea u li huma taht zewg kapi, u cioe` :

(a) **<u>Fl-ewwel lok, id-dewmien mhux ragjonevoli fil-proceduri</u>** kontra tieghu, u dan kif jirrizulta mill-atti, specjalment marbut mal-fatt li hu kien detenut ghal zmien twil. Skond ir-rikorrent, f'dan il-kaz ma kien hemm xejn li wiehed jista' jghid li kien mehtieg xi ezami twil ta' kwistjonijiet profondi, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ; u

(b) **Fit-tieni lok, hu ma kellux '*fair trial*'**, peress li minkejja li kien hemm provi mankanti, sar strapp ghar-regoli tal-procedura, u gew ammessi dokumenti li kienu intilfu u li ma setghux ghalhekk baqghu jifformaw parti mid-dokumenti originali li jaghmlu l-process. Bix-xhieda ta' l-esperti li wettqu dak li ma kienx f'idejhom, kienu qed jibnu mhux skond il-procedura imma skond il-konvenjenza. Illi l-procedura penali hija kuntratt bejn l-Istat u c-cittadin, u n-nuqqas flagranti ta' dak li tiddetta l-procedura penali jkun tnaqqis tal-garanzija li trial isir '*according to law*', u dan bi ksur ta' l-istess Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Wara dan kollu, ir-rikorrent talab li din il-Qorti (1) tiddikjara li kien hemm il-vjolazzjonijiet lamentati minnu f'dan ir-rikors, u (2) taghti r-rimedji opportuni u li jaghtu sodisfazzjon ghall-vjolazzjonijiet imsemmija.

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali datata 3 ta' April, 2000, li biha ssottometta s-segwenti :

1. Illi ma kien sar ebda strapp tar-regoli tal-procedura billi, skond ir-rikorrent, "gew ammessi dokumenti li kienu intilfu". Ma sar ebda ksur tar-regoli tal-procedura, anzi gew segwiti fedelment.
2. Illi d-dewmien kien attribwibbli ghar-rikorrent innifsu billi talab differimenti hu stess (fit-22 ta' Lulju, 1996, fl-24 ta' Ottubru, 1996, fid-29 ta' Novembru, 1996). Fl-24 ta' Frar, 1997, l-Avukat Joseph Mifsud kien informa lill-Qorti li ma riedx xikompli jirrappresenta lir-rikorrent. Fit-23 ta' April, 1997, il-kaz tar-rikorrent gie fdat f'idejn avukat gdid. Fl-4 ta' Lulju, 1997, il-kaz thalla ghat-3 ta' Ottubru, 1997. Fil-15 ta' Lulju, 1997, sar rikors tar-rikorrent fejn irtira l-appell. Fil-21 ta' Lulju, 1997, ir-rikorrent talab hu stess li l-Qorti tbiddel id-decizjoni taghha stess li tastjeni u tkompli billi tisma' l-appell ghaliex qal li l-ewwel applikazzjoni kienet zball ghaliex haseb li jista' jiehu l-mahfra presidenzjali. L-Avukat Generali rrisponda fit-22 ta' Lulju, 1997. Fit-23 ta' Lulju, 1997, il-Qorti halliet l-appell ghat-28 ta' Lulju, 1997. Il-Qorti laqghet it-talba ta' Theuma biex tkompli tisma' l-appell. Fil-31 ta' Lulju, 1997, il-Qorti kkonfermat id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati.

In vista ta' dan, l-intimat Avukat Generali talab li din il-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjez kontrih.

Rat ir-risposta ulterjuri ta' l-Avukat Generali datata 13 ta' April, 2000, li biha ssottometta s-segwenti, u cioe`:

1. **<u>Dwar l-allegat dewmien</u>** :

A. Illi wara studju akkurat tal-process, ma jirrizulta ebda dewmien li mhux ragjonevoli fil-proceduri kontra r-rikorrent. Bhala parametri jistghu jittiehdu d-dati **<u>27 ta' Mejju, 1994</u>**, meta gie arrestat, u il-**<u>31 ta' Lulju, 1997</u>** meta giet konfermata s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati. Mid-dati elenkati f'din ir-risposta, l-intimat jissottometti li ma kienx jidher li l-Qorti mxiet bil-lajma, anzi piuttost imxiet bi speditezza kbira.

B. Kontra dak li qal ir-rikorrent, il-kaz ma kienx daqshekk hafif, u l-akkuza kienet dwar 287.857 grammi ta' kokaina, waqt li l-mezz li ntuza biex sehh ir-reat kien wiehed tant fin li l-Ewwel Qorti ikkummentat dwar dan.

C. L-imgieba tar-rikorrent. Mid-dati moghtija jidher li kien hemm kemm bdil ta' avukati tar-rikorrent, bdil tal-fehma (daqqa ser iwaqqaf l-appell u daqqa le), kif ukoll talbiet ghal darba, tnejn, tlieta, ghal differiment mill-avukati tieghu stess.

D. Ghalhekk id-dewmien ma kienx wiehed "*unreasonable*".

2. **<u>Dwar l-Istrapp tal-Proceduri</u>** :

A. Illi fl-aggravji li qajjem ir-rikorrent fl-istadju ta' l-appell, dan l-allegat strapp ma ssemma xejn. Kif tghid u giet stabbilit mill-gurisprudenza nostrana, dak li wiehed ikun falla li jaghmel bil-mezzi ordinarji, m'ghandux iqajjimhom per via ta' rikorsi kostituzzjonali (Spiteri -vs- Prim Ministru, 31 ta' Awwissu, 1977). Ghalhekk, ir-rikorrent gja huwa prekluz li jaghmel dan f'dawn il-proceduri.

B. Illi oltre dan, pero`, kemm il-Qorti tal-Magistrati kif ukoll il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kellhom ic-cans li jaraw il-provi kollha u jivvalutawhom sewwa. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili, meta jkollha quddiema xi lment dwar lezjoni ta' xi dritt fondamentali, ma tistax issir Qorti tat-Tielet Istanza

billi tirrevedi l-provi u tivvalutahom mill-gdid. Dan ma tistax taghmlu ghaliex hija prekluza mill-Kostituzzjoni stess li ma tgharaf ebda Qorti tat-Tielet Istanza.

Ghalhekk, l-intimat Avukat Generali talab li din il-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjes.

Rat l-affidavit maghmul u prezentat mir-rikorrent Francis Theuma b’nota ta’ l-14 ta’ Gunju, 2000, u in-nota sussegwenti ta’ l-Avukat Generali tat-28 ta’ Lulju, 2000, li biha zamm ferm id-dritt tieghu li jikkontrojezamina lir-rikorrent wara l-affidavit tieghu.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti, cioe` lill-istess rikorrent bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, u l-atti processwali kollha inkluzi dawk annessi.

Rat l-atti tal-proceduri kriminali kontra Francis Theuma.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**IKKUNSIDRAT :**

**<u>Dwar l-ewwel ilment tar-rikorrent :</u>** Hawnhekk hu qed jghid li l-proceduri kriminali li kien sottopost ghalihom hadu zmien ‘**<u>mhux ragjonevoli</u>**’ biex jigu fit-tmiem definittiv taghhom, skond kif hu mitlub fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Ir-rikorrent jidher li qed jaghmel hafna enfasi fuq il-fatt li ghall-perijodu konsiderevoli (xi tmienja u tletin {38} xahar) hu kien mizmum taht arrest preventiv in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri. Jidher li hu qed jorbot l-allegat tul ta’ zmien ta’ dawn il-proceduri, sakemm gew decizi b’mod definittiv, maz-zmien li hu kien taht dan l-arrest preventiv. Hu minnu li r-rikorrent kien dam dan it-tul ta’ zmien taht arrest preventiv, izda hu minnu wkoll li hu kien ghamel diversi talbiet sabiex jinghata l-helsien minn dan l-arrest, kemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif ukoll

quddiem il-Qorti Kriminali, u dejjem it-talbiet tieghu gew michuda.

Forsi, illum, ir-rikorrent hu gustifikat jghid li z-zmien li kien mizmum taht arrest preventiv kienet wiehed piuttost twil, izda dan mhux l-ilment tieghu fir-rikors promotur. Hu ma jsemmi ebda allegazzjoni ta' vjolazzjoni ta' xi dritt fondamentali taht l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea, u lanqas ma jirrizulta li qatt ilmenta dwar dan x'imkien iehor. Ghalhekk din il-Qorti, issa, ma tistghax tiehu in konsiderazzjoni dan it-tul taz-zmien ta' l-arrest preventiv biex tara jekk it-tul ta' zmien li hadu dawn il-proceduri, biex jigu decizi definittivament, kienx wiehed 'mhux ragjonevoli'. L-ilment tar-rikorrent hu biss, u b'mod esklussiv, fuq iz-zmien li hadu dawn il-proceduri kriminali kontrih biex jigu decizi, zmien li hu qed jallega li kien wiehed 'mhux ragjonevoli'.

Jirrizulta li r-rikorrent Theuma kien gie arrestat fis-27 ta' Mejju, 1994 u tressaq il-Qorti akkuzat b'reati in konnessjoni ma' l-abbuz tad-droga fit-30 ta' Mejju, 1994. Minhabba r-rikuza tal-Magistrat li kellu jibda jisma' il-kumpilazzjoni, liema talba ghar-rikuza saret mir-rikorrent stess u giet milqugha, il-kumpilazzjoni propja bdiet tinstema' quddiem Magistrat iehor fil-21 ta' Gunju, 1994 u inghalqghet fis-27 ta' Gunju, 1994, sebat ijiem biss wara. Jirrizulta li dawn il-proceduri gew decizi b'mod definittiv, bl-istadju ta' l-appell b'kollox, fil-31 ta' Lulju, 1997, cioe`, tlett snin u xahrejn wara.

Il-Qorti, ghalhekk, rat u ezaminat il-verbali tas-seduti kollha, kemm dawk quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll dawk quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, u dan biex tara kemm damu dawn il-proceduri quddiem kull Qorti u jekk kienx hemm xi dewmien, u jekk kien hemm dewmien, ghalxiex kien attribwibbli.

Issa hu pacifiku li sabiex il-Qorti tara jekk iz-zmien tal-proceduri kienx wiehed 'mhux ragjonevoli' jew le, trid tikkunsidra tlett elementi, u cioe' (**a**) il-komplessita' tal-kaz flimkien man-natura w gravita` tar-reati u/jew akkuzi, (**b**) l-

imgieba tal-Qorti waqt is-smigh tal-proceduri, u (**c**) l-imgieba tal-prosekuzzjoni kif ukoll dik ta’ l-imputat jew akkuzat.

Jirrizulta li l-kumpilazzjoni kollha, mill-bidu tal-prezentata bl-arrest tar-rikorrent fit-30 ta’ Mejju, 1994, quddiem il-Qorti Istruttorja, sakemm il-proceduri gew decizi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, dawn il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, fil-funzjoni taghha ta’ Qorti Istruttorja u wara ta’ Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, damu sena u erba’ xhur b’kollox, inkluzi, f’dan iz-zmien, il-granet tal-ferjat, vaganzi pubblici, Hdud, eccetera.

Jirrizulta li tul dan il-perijodu ta’ sena u erba’ xhur, is-seduti quddiem il-Qorti tal-Magistrati dejjem saru b’mod regolari u skond l-andament normali fil-Qrati taghha. Jirrizulta li f’dawn is-seduti instemghu numru konsiderevoli ta’ xhieda b’mod kostanti. Jigi rilevat li kien hemm drabi meta seduti ma sarux fuq talbiet ta’ l-istess rikorrent u dan jew ghaliex l-avukat difensur tieghu ma setghax jattendi minhabba safar jew simili, jew ghaliex ir-rikorrent kien biddel l-avukat tieghu waqt il-kors tal-proceduri, u ragunijiet ohra li jirrizultaw mill-atti.

Bla dubju ta’ xejn, mela, ghal dak li jirrigwarda dan l-ewwel perijodu sakemm dawn il-proceduri damu quddiem il-Qorti tal-Magistrati, kemm bhala Qorti Istruttorja kif ukoll bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, tenut kont tal-gravita` w natura tar-reati w l-akkuzi w tal-komplessita` tal-kaz fejn si trattava ta’ dhul fil-pajjiz ta’ ammont sostanzjali tad-droga kokaina b’mod ferm fin u sofistikat, tenut kont tal-fatt li dik il-Qorti dejjem imxiet b’andament regolari w speditezza ragjonevoli fis-smigh u gbir tal-provi sakemm wasslet biex taghti s-sentenza taghha, tenut kont tal-fatt li l-prosekuzzjoni u/jew l-Avukat Generali dejjem ikkoperaw mal-Qorti u ma ghamlu xejn li bih intenzjonalment jew abusivament ostakolaw l-progress tal-proceduri jew tawwlu l-proceduri inutilment, anzi kien hemm telf ta’ zmien li jista’ jigi attribwit biss lir-rikorrent, certament iz-zmien li dawn il-proceduri damu quddiem dik il-Qorti ma

kienx xi tul ta’ zmien eccessiv jew li jista’ jissejjeh ‘mhux ragjonevoli’.

Ghal dak li jirrigwarda r-rimanenti zmien, cioe`, l-istadju ta’ l-appell kriminali, jirrizulta li r-rikorrent Theuma ghamel l-appell tieghu fis-16 ta’ Ottubru, 1995. Anke quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, f’wahda mill-ewwel seduti, jekk mhux addirittura fl-ewwel seduta, ir-rikorrent Theuma gie patrocinat b’avukat iehor li ma kienx wiehed mill-avukati li kellu jiddefenduh separatament quddiem il-Qorti tal-Magistrati, jew li xi hadd minnhom kien ghamillu r-rikors ta’ appell quddiem dik il-Qorti.

Jirrizulta li quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali kien hemm b’kollox, sakemm il-proceduri gew decizi definittivament minn dik il-Qorti fil-31 ta’ Lulju, 1997, madwar erba (4) seduti li gew differiti fuq ordni ta’ dik il-Qorti ghaliex kienet impenjata fuq inkjesta urgenti u ferm importanti, filwaqt li kien hemm madwar tmienja (8) jew aktar seduti differiti fuq talba tar-rikorrent minhabba li l-avukat tieghu ma setax jattendi biex jitratta l-appell, u ragunijiet ohra simili. Jigi rilevat ukoll li anke fl-istadju ta’ l-appell, ir-rikorrent rega’ biddel l-avukat tieghu xi darbtejn ohra u kull darba sar differiment ghal din ir-raguni.

Anke hawnhekk, mela, zgur ma jistghax jigi attribwit it-tort tat-tul taz-zmien lill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali jew lill-Avukat Generali li dejjem kien prezenti biex jitratta l-appell. Ma hemm ebda dubju li l-maggoranza tad-differimenti saru fuq rikjesta ta’ l-istess rikorrent, u, ghalhekk, ma jistax issa jigi jilmenta li z-zmien li hadu dawn il-proceduri ‘mhux ragjonevoli’. Hija haga certa li kieku ma kienx hemm daqstant differimenti fuq talba ta’ l-istess rikorrent, iz-zmien ta’ sena u disa’ xhur li dawn il-proceduri damu quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali kien ikun ferm u ferm aqsar.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tara li z-zmien komplessiv ta’ tlett snin u xahrejn li b’kollox damu dawn il-proceduri biex jigu decizi definittivament, tenut kont tal-fatt li hafna minn dan il-perijodu huwa unikament dovut ghan-numru tad-differimenti mitluba mill-istess rikorrent, tenut kont tal-

fatt li l-Qorti dejjem zammet is-seduti fejn instemghu l-provi b'ritmu regolari jew normali, tenut kont tal-fatt li l-prosekuzzjoni u anke l-Avukat Generali bla ebda mod ma abusivament ghamlu xi haga biex itawwlu l-proceduri, anzi kienu dejjem prezenti waqt is-seduti, u tenut kont tal-komplessita` tal-kaz, kif ukoll tan-natura w gravita` tar-reati w akkuzi addebitati lill-rikorrent, zgur li dan iz-zmien totali ta' tlett snin u xahrejn, fic-cirkostanzi, ma kienx wiehed 'mhux ragjonevoli' ai termini ta' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

**Dwar it-tieni ilment tar-rikorrent** : Hawnhekk Francis Theuma qed jilmenta li ma kellux '**smiegh xieraq'**, jew '***a fair trial'***, skond l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan ghar-ragunijijiet li semma' fir-rikors tieghu, cioe`, l-allegat '**strapp tal-procedura penali**' waqt il-gbir tal-provi quddiem il-Qorti Istruttorja. Fuq dan l-ilment, il-Qorti ftit ghandha xi tghid.

Bla dubju ta' xejn dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent kien gja jezisti bhala fatt allegat sa minn meta l-proceduri kienu ghadhom fl-istadju ta' l-Istruttorja, u hu kien ben konxju taghhom. Dan jirrizulta car anke mid-dicitura ta' dan it-tieni ilment tieghu fir-rikors promotur. Hu stess jghid li gja kien jaf bil-fatt li quddiem il-Qorti Istruttorja kienu intilfu xi dokumenti originali w li dawn gew sostitwiti b'fotokopji taghhom. Gja kien jaf li dawn il-fotokopji servew biex il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kkunsidrathom bhala prova valida w ammissibbli meta giet biex tghati s-sentenza taghha. Kien jaf li saret pjena riferenza ghal xi dokumenti ohra li ma kienux fl-atti tal-proceduri kontrih, izda kienu fl-atti processwali ta' xi persuna ohra u li, ghalhekk, ma kienux accesibbli ghalih. Dan hu l-allegat strapp li qed jilmenta minnu, u jidher car, ghalhekk, li hu kien gja jaf bih u kien a konjizzjoni tieghu anke waqt l-istadju ta' l-Istruttorja, u qabel ma inghatat is-sentenza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fid-9 ta'Ottubru, 1995.

Ir-rikorrent appella minn dik is-sentenza, izda ma ressaq ebda aggravju dwar dan l-allegat strapp tal-procedura penali kif qed jaghmel issa quddiem din il-Qorti. Kull ma

ilmenta fir-rikors ta’ l-appell kienet il-kontestazzjoni tieghu ghan-nomina ta’ Dr. Abela Medici bhala espert indipendenti, u r-rizultanzi jew opinjonijiet tieghu fir-rapport li eventwalment ippresenta quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Ma semma xejn dwar l-inammissibilita` tal-fotokopji u tar-riferenza ghall-dokumenti f’process iehor mhux dak tieghu, haga li suppost kellu jaghmel f’dak l-istadju.

Issa hu pacifiku li jekk tali aggravju ma tqajjimx fl-istadju opportun u ma’ l-ewwel cans li kien disponibbli, bhal ma kien fl-istadju ta’ l-appell, u dan bhal mezz jew rimedju ordinarju, ma jistghax wara jressaq dan l-ilment ghall-ewwel darba quddiem din il-Qorti f’sede kostituzzjonali. Ma jistax issa r-rikorrent jigi quddiem din il-Qorti w jallega li ma kellux ‘*a fair trial*’, li kien hemm vjolazzjoni f’dan is-sens, u jibbaza dan l-ilment tieghu fuq xi haga li kienet gja ezistenti minn zmien qabel, kien konxju taghha, u li dwarha kellu r-rimedju opportun dik in-nhar, izda ma hadux. Din il-Qorti mhiex xi Qorti ta’ Tielet Istanza u hu propju ghalhekk li ma tistax issa tiehu konjizzjoni ta’ ilment li kien hemm kull opportunita` li jitressaq qabel b’mezz jew rimedju ordinarju fl-istadju ta’ l-appell.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, ghalhekk, il-Qorti, filwaqt li ma tarax li kien hemm xi vjolazzjoni ta' xi dritt fondamentali tar-rikorrent ai termini ta’ l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, u ghalhekk ma hemmx ghalfejn tezamina w tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, qeghdha tichad it-talbiet kollha tieghu, bl-ispejjez kontrih.”

**<u>L-appell u r-risposta</u>**

Francis (Frank) Theuma appella minn din is-sentenza permezz ta’ rikors datat 26 ta’ Settembru, 2001, u talab li din il-Qorti tirrevokaha u minflok tilqa’ t-talbiet tieghu, bl-sipejjez taz-zewg istanzi. L-aggravji ta’ l-appellant huma migjuba hekk:

“1. Dwar id-dewmien mhux ragonevoli

Il-Qorti Europea konsistentement tat il-parametri illi japplikaw. L-ewwel parametru huwa illi l-proceduri jittiehdu fit-totalita` taghhom. Fit-tieni lok jekk kienx hemm

dewmien imputabbli lir-rikorrenti u fit-tielet lok illi anke l-proceduri ma kienux jehtiegu dak id-dewmien.

Jekk wiehed jezamina l-elenku tal-fatti kif riportati fl-istess sentenza, l-ewwel Onorabbli Qorti qalet illi fir-rikors ma jissemma xejn dwar l-arrest fit-tul illi ghamel.

Il-perjodu ta’ arrest mhux ragonevoli huwa inkluz, anzi aggravanti ghall-ilment originali.

Il-fatt illi huwa dam arrestat dak iz-zmien kollu u kien hemm rinviji fuq rinviji fuq rinviji certament ma kienx gustifikat la l-arrest u lanqas it-tul ta’ l-istess proceduri.

Il-fatt illi kien arrestat anzi ghal dan id-dewmien mhux biss iggib id-dewmien ta’ wiehed illi kien qieghed ixxamplat jistenna barra, imma fil-fatt kien qieghed gewwa taht arrest.

Illi jinghad illi kien hemm differimenti bla bzonn.

Jekk wiehed jara r-rinviji sakemm il-kaz seta’ gie iggudikat jinduna kemm verament ma kien qed jimxi xejn.  Meta saret l-emenda ghall-artikolu 401 tal-Kodici Kriminali fl-1980 l-intenzjoni kienet illi kumpilazjoni tinghalaq f’massimu ta’ tlett xhur u mhux tkaxkar is-snin.

L-anqas jista’ jinghad illi ma kien hemm xejn bhala fatti dwar l-ilment dwar in-nuqqas ta’ helsien mill-arrest ghaliex issir enfasi fil-fatti riprodotti illi diversi talbiet ghall-liberta` provvizorja gew michuda.

Illi wiehed irid jikkalkula kemm dan il-process dam jistenna minn dak inhar illi gieipprezentat sa meta huwa seta’ jiehu s-sentenza tal-Qorti u dana kien biss fid-9 ta’ Ottubru, 1995 u l-Appell tieghu kien ukoll sospiz ghal zmien twil peress illi l-Qorti kienet impenjata bil-kaz dwar il-biljetti tal-linja.

L-inattivita` tal-Qorti, anke ghal perjodu huwa konsidrat bhala ksur ta’ l-artikolu 6.

2. Dwar il-*Fair Trial*.

Huwa skorrett illi jinghad illi dwar id-dokumenti ma kien hemm l-ebda ilment. L-ewwel Onorabbli Qorti qalet illi dan messu qajjimhom quddiem l-ewwel Qorti. Fir-rikors tieghu effettivament huwa indika l-kwistjoni dwar l-espert Dr. Abela Medici u anke dwar ir-rizultanzi u l-opinjonijiet tieghu.

Huwa risaput illi f'rikors ta' l-Appell wiehed ma hemmx ghalfejn isemmi d-dettalji kollha basta isemmi sommarjament l-argument u jkun jista' jisvolgieh aktar quddiem il-Qorti ta' l-Appell.

Kieku ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni dwar l-espert allura wiehed kien jista' jghid illi l-ewwel Qorti kellha ragun illi tghid illi ma tqajjimx dan il-punt. Imma meta jitqajjem quddiem il-Qorti minn aspett ta' natura kostituzzjonali dan ghandu jigi investigat ghaliex anke se mai, jekk ma giex dibattut funditus, ma jfissirx illi sostanzjalment ma tqajjimx u dak illi titlob il-gurrisprudenza tal-Qorti Europea illi sostanzjalment ikun tqajjem il-punt.

Ghalhekk l-esponenti jissottometti illi meta intilfu d-dokumenti u gew sostitwiti, kien qed isir strapp ghall-procedura u l-procedura hija parti sostanzjali mill-gustizzja u torbot lil kulhadd."

Fir-risposta tieghu tat-28 ta' Settembru, 2001 l-Avukat Generali rega, bazikament, tenna li f'dan il-kaz ma kien hemm ebda dewmien mhux ragonevoli; u ghar-rikgward tat-tieni lament ta' l-appellant, illi l-appellant kellu kull opportunita` jqajjem quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali il-kwistjoni ta' l-ammissibilita` ta' certi dokumenti li (skond l-istess appellant) kienu intilfu u li ghalhekk l-esperti ma setghux legittimament jahdmu fuqhom, izda baqa' ma ghamilx hekk.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Fl-udjenza tas-17 ta' Frar, 2003 id-difensuri tal-partijiet irrimettew ruhhom ghall-atti. Din il-Qorti ezaminat

bir-reqqa kollha l-atti tal-process kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Mario Bartolo) v. Frank Theuma***, li jifforma l-bazi ta' l-ilmenti odjerni, u taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

1. Qabel xejn tajjeb li wiehed jippreciza liema hija d-disposizzjoni tal-ligi li l-appellant qed jghid li giet vjolata (taht zewg aspetti) fil-proceduri penali li ttiehdu kontra tieghu. L-appellant fir-rikors tieghu jinvoka s-subartikolu (1) tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea li jghid hekk: ***"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu, kulhadd huwa intitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi…."*** (sottolinear ta' din il-Qorti). Il-kumplament ta' din id-disposizzjoni ma hix relevanti ghall-meritu ta' dan il-kaz. L-espressjoni "smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli" hija migjuba fit-test Ingliz tal-ligi bhala "a fair and public hearing within a reasonable time". Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, ir-rikorrent ma lmentax quddiem il-Prim Awla minn xi ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni minhabba li hu kien inzamm detenut taht arrest preventiv ghall-periodu kollu mill-presentata tieghu quddiem il-Qorti Istruttorja sa ma l-kaz gie deciz mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Mill-banda l-ohra, dan ma jfissirx – kif forsi tat x'tifhem l-ewwel Qorti f'parti mis-sentenza taghha – li dana l-periodu ta' arrest ma hu b'ebda mod relevanti ghad-determinazzjoni ta' jekk il-proceduri sarux fi zmien ragonevoli. Kif josservaw l-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick fil-ktieb taghhom **Law of the European Convention on Human Rights** [1]

**"Criminal cases generally require more urgency than civil ones and a more rigorous standard applies when the applicant is in detention pending the outcome of his case (*Abdoella v. Netherlands* A 248-A para. 24 (1992)). In a criminal case in which the accused is in detention, the reasonable time guarantee in Article 6(1) overlaps with that in Article 5(3), under which 'special diligence' is required (…although not expressly stated in the *Abdoella* case, it would seem**

[1] Butterworths (London) 1995.

**likely that the same 'special diligence' standard applies under under Article 6(1)). However since Article 5(3) ceases to apply once an accused is convicted, the reasonable time guarantee in Article 6(1) is the only one that protects a convicted person detained during his appeal…Another factor concerns the practice in criminal justice systems by which the time spent awaiting trial is taken into account when deciding upon the sentence in a criminal case or ruling upon a civil claim. Although any reduction in sentence or other favourable outcome of proceedings will not taken away from a breach of Article 6, it may mean that the applicant is not a 'victim' who is competent to bring an application (*Eckle v. FRG* A 51 (1982); *Preikhzas v. FRG No. 6504/74*, 16 DR 5 (1978))."** [2]

Fi kliem iehor, fost ic-cirkostanzi – li ser jissemmew minn hawn u ftit iehor – li wiehed ghandu jezamina sabiex jiddetermina jekk il-proceduri hadux zmien ragonevoli jew le hemm, fil-kaz ta' proceduri penali, ic-cirkostanza li persuna tkun tinsab detenuta (taht arrest preventiv jew anke bhala persuna kkundannata u pendenti s-smigh ta' l-appell), u dan peress li f'kaz simili wiehed ghandu jkun aktar rigoruz fl-applikazzjoni tal-kriterji li ser jissemmew.

2. X'inhuma dawn il-kriterji? Bazikament dawn huma tlieta: il-komplessita` tal-kaz, il-mod kif tkun gabet ruhha l-istess persuna li qed tilmenta minn dewmien mhux ragonevoli, u il-mod kif igibu ruhhom l-awtoritajiet koncernati (ara ***Konig v. Germany***, A.27 (1978) 2 EHRR 170, para. 99). S'intendi, dawn il-kriterji jridu jigu applikati ghall-kaz konkret u mhux fl-astratt, b'mod ghalhekk li ghandu jigi ezaminat sew il-process li jkun qed jigi allegat li jaghti lok ghall-ksur lamentat. Ma hemmx, ghalhekk, xi periodu pre-determinat, applikabbli ghal kull kaz, li jekk jinqabez ikun hemm ksur minhabba dewmien mhux ragonevoli:

[2] *op. cit.* p. 226.

**“When the length of the relevant period has been established, it must subsequently be determined whether this period is to be regarded as reasonable. In many cases the Court only makes an overall assessment, in other cases however, it assess the lapse of time in each stage of the proceedings. The reasonableness cannot be judged in the abstract but has to be assessed in view of the circumstances of each individual case. The interests of the person concerned in as prompt a decision as possible will have to be weighed against the demands of a acreful examination and a proper conduct of the proceedings…The application of the criteria, the complexity of the case, the conduct of the applicant and the conduct of the authorities, may lead to different conclusions. In the *Bunkate* Case for instance, a criminal case, the relevant period lasted two years and ten months. The lapse of time was amongst other factors caused by a period of total inactivity of fifteen and a half months between the filing of the appeal on points of law and the reception of the case-file by the registry of the Supreme Court. This period in itself infringed the reasonable-time requirement. On the other hand, in the *Boddaert* Case it took slightly more than six years to determine the ‘criminal charge’. This lapse of time did not violate Article 6. Comparable differences may be noted as far as civil proceedings are concerned. In the *Ciricosta and Viola* Case an overall period of more than fifteen years did meet the requirements of Article 6(1), but a lapse of time that lasted four years and five months in the *Pugliese II* Case did not pass muster.”** [3]

Kif inghad, din il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-process kriminali kontra r-rikorrent appellant, process li beda fid-29 ta’ Mejju, 1994 meta huwa trassaq b’arrest quddiem il-Qorti Istruttorja u li intemm definittivament bis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali tal-31 ta’ Lulju, 1997. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament bazikament korrett tal-mod kif gew kondotti dawn il-

[3] Van Dijk, P. u van Hoof, G. J. H., **Theory and Practice of the European Convention on Human Rights** Kluwer Law (The Hague) 1998, pp. 446-449.

proceduri kemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) (sia bhala Qorti Istruttorja u wara bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) kif ukoll quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Kwantu ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati din il-Qorti taqbel ma’ l-ewwel Qorti li dawn gew immexxija b’diligenza u bl-ispeditezza mehtiega kompatibbilment man-natura tal-kaz kif ukoll mal-fatt li l-imputat kien jinsab taht arrest preventiv. Is-seduti saru regolarment, u kwazi dejjem instemghu diversi xhieda. Fis-27 ta’ Gunju, 1994 il-Qorti Istruttorja iddecidiet li kien hemm kaz *prima facie* kontra l-imputat u baghtet l-atti lill-Avukat Generali skond l-Artikolu 401(2) tal-Kodici Krminali. L-Avukat Generali minnufih intebah li kien hemm difett procedurali fl-atti ta’ l-Istruttorja u fit-13 ta’ Lulju, 1994 irrinvija l-atti lill-Qorti Istruttorja skond l-Artikolu 432(2)(3) tal-Kodici Kriminali (“rinviju tal-hamest ijiem”). Il-Qorti ghamlet ir-rettifika mehtiega u baghtet l-atti lura lill-Avukat Generali. Segwew, imbghad, numru ta’ rinviji fejn l-Avukat Generali talab li jinstemghu diversi xhieda (inluzi xhieda biex jezibixxu dokumenti) kif ukoll li jigi nominat u li jinstema’ espert fil-kalligrafija. Din il-Qorti b’ebda mod ma tista’ tghid li dawn ir-rinviji saru kapriccozament jew bla bzonn jew minghajr id-debita attenzjoni da parti ta’ l-Avukat Generali; ghall-kuntrarju, jidher li dawn kienu verament mehtiega sabiex il-process jigi istruwit kif imiss. Huwa veru li l-espert kalligrafiku, Dott. Anthony Abela Medici, gie nominat u inkarigat fit-18 ta’ Novembru, 1994 u li dan ma pprezentax ir-relazzjoni finali tieghu qabel is-16 ta’ Gunju, 1995 – seba’ xhur wara. Din il-Qorti, pero`, tenut kont tan-numru ta’ dokumenti u partijiet minn dokumenti li kellhom jigu ezaminati, kif ukoll tal-precizjoni li biha kellu necessarjament isir tali ezami – wiehed bizzejjed jara l-faxxikolu fotografiku anness mar-relazzjoni biex jifhem kemm dana l-ezami kien wiehed delikat u fl-istess hin dettaljat – hi tal-fehma li ghalkemm kien hemm certu dewmien, dan kien gustifikat fl-interess tal-amministrazzjoni korretta tal-gustizzja. Fil-25 ta’ Lulju, 1995 l-Avukat Generali, b’kontro-ordni skond l-Artikoli 22(2) u 31 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Cap. 101) baghat il-kaz biex jigi ggudikat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali. Dik il-Qorti appuntat il-kawza ghas-smigh ghall-1 ta’

Settembru, 1995, u f'dik l-udjenza xehed l-imputat stess. Il-kawza thalliet ghall-provi tad-difiza u ghat-trattazzjoni ghall-15 ta' Settembru, 1995 (fol. 329 tal-process). Il-kawza, pero`, jidher li giet rikjamata ghall-14 ta' Settembru, 1998. Mill-verbal ta' dik l-udjenza jirrizulta li l-ufficjal prosekutur kien imsiefer, filwaqt li l-avukat difensur ta' Theuma informa lill-Qorti li huwa wkoll kien ser ikun imsiefer u kien ser jigi lura Malta fit-28 ta' Settembru, 1995. Ghalhekk il-Qorti halliet il-kawza proprju ghat-28 ta' Settembru, 1995. F'din id-data kompla jixhed l-imputat in kontro-ezami, u l-kawza thalliet ghall-ghada ghat-trattazzjoni. Fid-29 ta' Settembru, 1995 l-ufficjal prosekutur u l-avukat difensur trattaw il-kawza, u din thalliet ghas-sentenza ghad-9 ta' Ottubru, 1995. Fid-9 ta' Ottubru, 1995 inghatat is-sentenza mill-Qorti ta' l-ewwel grad. Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti ma tara li kien hemm ebda dewmien mhux ragonevoli fil-mod kif giet kondotta l-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta).

3. Nigu issa ghall-appell. Theuma appella b'rikors datat 18 ta' Ottubru, 1995. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali appuntat l-appell ghas-smigh ghat-12 ta' Jannar, 1996. F'dik l-udjenza l-avukat ta' l-appellant talab li jigu prodotti certi dokumenti u l-Qorti laqghet dik it-talba. Il-parti relevanti tal-verbal ta' dik l-udjenza jghid hekk: *"Fuq talba ta' l-Avukat Dr. Joseph Mifsud ghall-appellant. Tordna illi ghas-seduta tal-25 ta' Marzu, 1996 ir-Registratur jiehu hsieb illi jkunu disponibbli fl-atti d-dokumenti kollha li gew ezibiti formalment f'dawn l-istess atti u f'kaz ta' diffikulta` minhabba li dawn id-dokumenti jinsabu ezibiti f'atti ohrajn ta' kompilazzjoni u cioe` Il-Pulizija v. Peter Paul sive Peter Theuma – Magistrat Apap Bologna, Hall 5, ir-Rgistratur ghandu jinforma lill-Qorti b'din id-diffikulta` minghajr dewmien. Tiddifferixxi l-appell ghat-trattazzjoni ghall-25 ta' Marzu, 1996 f'nofs in-nhar."* Peress li jidher li l-Imhallef li kien qed jippresjedi dik il-Qorti inqabad fuq xoghol iehor ta' natura urgenti, saru tlett differimenti kamerali: mill-25/3/96 ghall-31/5/96, u minn din l-ahhar data ghall-25/7/96. Fit-22 ta' Lulju, 1996 l-appellant Theuma pprezenta rikors li fih <u>talab li l-udjenza tal-25 ta' Lulju, 1996 ma ssirx ghax l-avukat tieghu kien ser ikun imsiefer</u>. Fil-25 ta' Lulju, 1996 l-appellant deher mhux assistit u l-

Qorti laqghet it-talba tieghu u ddiffriet l-appell ghall-24 ta' Ottubru, 1996. Ghal xi raguni li ma tidhirx mill-atti, l-appell gie differit kameralment ghas-6 ta' Dicembru, 1996. Fid-29 ta' Novembru, 1996 l-avukat difensur ta' l-appellant rega' talab differiment iehor, peress li fis-6 ta' Dicembru, 1996 kien ser jerga' jkun imsiefer. Ghalhekk, fis-6 ta' Dicembru, 1996 meta l-appellant deher quddiem il-Qorti, dik il-Qorti regghet laqghet it-talba tieghu ghal differiment u ddifferiet l-appell ghat-28 ta' Frar, 1997. Jumejn qabel din is-seduta – fl-24 ta' Frar, 1997 – giet presentata nota ta' l-avukat ta' l-appellant (Dott. Joseph Mifsud) li informa lill-Qorti li huwa kien qed jirrimunzja ghall-patrocinju ta' l-appellant. L-appell rega' gie differit kameralment ghat-23 ta' April, 1997. Fit-23 ta' April, 1997 l-appellant deher assistit minn avukat gdid, l-appell gie tratatt, u l-kwza baqghet ghas-sentenza ghall-4 ta' Lulju, 1997. F'din id-data, pero`, cioe` fl-4 ta' Lulju, 1997, il-Qorti ta' l-Appell Krminali ddikjarat li kellha bzonn aktar zmien ghall-proplazzjoni tas-sentenza u ghalhekk halliet l-appell, dejjem ghas-sensenta, ghat-3 ta' Ottubru, 1997. Gara, pero`, li fil-15 ta' Lulju, 1997 l-appellant ipprezenta nota fir-registru tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, li permezz taghha iddikjara li kien qed jirrinunzja ghall-appell. B'digriet datat 15 ta' Lulju, 1997 il-Qorti ta' l-Appell Kriminali astjeniet milli tiehu aktar konjizzjoni ta' l-appell in vista ta' dik in-nota, u ordnat in-notifika tad-digriet lill-kontroparti, cioe` lill-Avukat Generali. Fil-21 ta' Lulju, 1997 l-appellant jidher li kellu ripensament, u permezz ta' rikors talab ir-revoka tad-digriet tal-15 ta' Lulju, 1997 u talab ukoll li l-appell jerga' jitqieghed fuq il-lista u li tinghata s-sentenza. Rinfaccata b'dawn il-manuvri pjuttost insoliti, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ordnat li r-rikors tal-21 ta' Lulju, 1997 jigi komunikat lill-Avukat Generali u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghat-28 ta' Lulju, 1997. Fit-28 ta' Lulju, 1997 il-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom dwar it-talba ghar-riappuntament ta' l-appell, u l-Qorti, b'digriet kamerali tat-28 ta' Lulju, 1997 laqghet it-talba ghar-riappuntament u rripappuntat l-appell ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-31 ta' Lulju, 1997. Fil-31 ta' Lulju, 1997 dik il-Qorti tat is-sentenza finali taghha li biha cehdet l-appell ta' Theuma u kkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta)

bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 ta’ Ottubru, 1997.

4. Minn dan kollu din il-Qorti, filwaqt li tifhem li kien hemm certu dewmien minhabba li l-Imhallef sedenti fil-Qorti ta’ l-Appell Kriminali inserta li inqabad fuq xoghol iehor urgenti konness ma’ inkjesta li huwa gie mitlub jikkonduci skond il-ligi, li kieku ma kienx ghad-differimenti mitluba mill-istess appellant din il-Qorti m’ghandhiex dubbju li l-appell kien jinqata’ ferm qabel milli effettivament inqata’. Bhala fatt jirrizulta li l-appell dam quddiem il-Qorti ta’ lAppell Kriminali sena u disa’ xhur – mit-18 ta’ Ottubru, 1995 (meta gie intavolat ir-rikors ta’ appell) sal-31 ta’ Lulju, 1997. Terminu ta’ sena w disa’ xhur fl-appell ma jistax jitqies bhala regola li huwa xi zmien mhux ragonevoli, tenut kont tax-xoghol kollu li jkollha dik il-Qorti u ta’ xoghol iehor li talvolta jista’ jkollu fi qrati ohra l-imhallef sedenti fil-Qorti ta’ l-Appell Kriminali. F’dan il-kaz, pero`, l-appellant kien jinsab detenut taht arrest preventiv (peress li huwa kien talab is-sospensjoni ta’ l-ezekuzzjoni tas-sentenza proprju biex ikun jista’ jappella); ghalhekk din ic-cirkostanza ghandha, fil-fehma ta’ din il-Qorti, tinghata certu piz meta tigi biex tikkonsidra *“whether the reasonable time requirement has been met”*. Minkejja dan, din il-Qorti hi sodisfatta li kieku ma kienx ghad-differimenti mitluba mill-istess appellant – u specjalment id-differiment tas-seduta tal-25 ta’ Lulju, 1995 – l-appell kien jinqata’ wara s-sajf ta’ l-1996. Tenut kont, ghalhekk, tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-Prim Awla li f’dan il-kaz ma jistax jinghad li kien hemm ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea minhabba trapass ta’ zmien mhux ragonevoli.

5. Kwantu ghat-tieni lment ta’ l-appellant Theuma kif migjub fir-rikors ta’ appell tieghu quddiem din il-Qorti tat-28 ta’ Marzu, 2000, din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi zzid ma dak deciz mill-ewwel Qorti. F’dan ir-rikors l-appellant qed jilmenta li ma kellux smigh xieraq ghax “sar strapp ghar-regoli tal-procedura” billi “gew ammessi dokumenti li kienu intilfu u li ma setghux ghalhekk baqghu jifformaw parti mid-dokumenti originali li jaghmlu l-process”, b’mod ukoll li meta ddeponew l-esperti huma kienu qed “[i]wettqu

dak li ma kienx f'idejhom, kienu qed jibnu mhux skond il-procedura imma skond il-konvenjanza". Issa, ma hemmx dubbju li mhux kull zball procedurali fi proceduri kriminali igib, bhala konsegwenza, li ma jkunx hemm smigh xieraq. Biex wiehed jasal ghal din il-konkluzjoni dak l-izball irid ikun tali li pogga lill-akkuzat fi zvantagg b'mod li ma setax jaghmel id-difiza tieghu kif suppost, kif ukoll li dak l-izball, jew il-konsegwenza tieghu, ikun incida b'mod sostanzjali biex l-akkuzat ikun instab hati. Jidher li b'dana l-ilment tieghu l-appellant (jigifieri l-appellant quddiem din il-Qorti Kostituzzjonali) qed jirreferi ghall-fatt li certi dokumenti li hadem fuqhom l-espert Dott. Anthony Abela Medici kienu gew ezibiti biss formalment, u mhux ukoll materjalment, quddiem il-Qorti Istruttorja. Dan l-ilment, infatti, kien gie verbalizzat mill-avukat difensur ta' Theuma fl-udjenza tal-10 ta' Jannar, 1995. Pero` l-Qorti Istruttorja, proprju f'dik l-istess udjenza, u proprju minhabba li l-espert kien ser jahdem fuq dokumenti ezibiti biss formalment, kien ipprovdiet hekk: *"Il-Qorti in vista ta' din l-oggezzjoni tawtorizza lid-difiza sabiex fi kwalunkwe stadju din ikollha access ghall-oggett ezibit formalment liema oggett fil-prezent jinsab materjalment fil-pusses ta' Dr. Anthony Abela Medici u ghal kull buon fini tordna li jittiehdu ritratti ta' l-istess."* Din il-Qorti hi tal-fehma li b'dan il-verbal tal-Qorti Istruttorja gie mxejjen il-pregudizzju li talvolta' seta kien hemm li l-akkuzat ma jkunx jista' jara u jezamina materjalment l-oggett jew oggetti li fuqhom kien ser jahdem l-espert nominat mill-Qorti. Pero` apparti dan, u kif tajjeb irrilevat il-Prim Awla fis-sentenza taghha, meta Theuma gie biex jappella quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, l-ilment tieghu ma kienx li xi oggetti ma kienux gew "materjalment" izibiti, jew li ma kienux jezistu, jew li ma kienux jiffurmaw parti mill-proceduri; l-ilment (jew ahjar, ilmenti) tieghu fir-rigward tal-perizja ta' Dott. Abela Medici kien biss (1) li n-nomina ta' Dott. Abela Medici kienet irregolari peress li huwa kien ga ha sehem fl-investigazzjoni u allura kien "biased", u (2) li l-ewwel Qorti (cioe` il-Qorti tal-Magistrati) ma kellhiex taghti l-piz li tat lill-opinjoni ta' dan l-espert tenut kont ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 656 tal-Kodici Kriminali li jghid li *"Minn ghandu jiddecidi mhux marbut li joqghod ghall-fema tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu".* Dawn u dawn biss kienu l-

ilmenti ta’ l-appellant quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fir-rigward tal-perizja. U dawn il-punti gew decizi mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tal-31 ta’ Lulju, 1997 (ara l-paragrafi 3 u 4 ta’ dik is-sentenza). Ghalhekk l-ilment li qed jipprova jqajjem issa l-appellant Theuma in sede kostituzzjonali huwa wiehed li huwa ghazel li ma jissollevahx fil-kors tal-proceduri ordinarji ta’ rimedju li huwa kellu fil-Qorti ta’ l-Appell Kriminali. Ghalhekk anke fuq dan il-punt il-Prim Awla kienet korretta meta rrespingiet l-ilment ta’ l-appellant (allura rikorrent) Theuma. Fl-ahharnett ghandu jinghad li mill-ezami tal-process kriminali li ghamlet din il-Qorti, hija tal-fehma li kien hemm provi bizzejjed indipendentement mill-prova li tohrog mill-perizja kalligrafika li setghu ragjonevolment u legalment iwasslu lill-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali biex isibu lil Theuma hati kif effettivament sabuh. Dawn il-provi kienu jikkonsistu fl-ammissjonijiet tieghu, ammissjonijiet li huwa in segwitu ipprova jirritratta billi jghid li hu kien ammetta li d-droga kienet tieghu biex jipprova jiskolpa lil huh.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ dana l-appell ghandhom jigu sopportati mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------